# San Franġisk ta' Paola
## u r-rabta tiegħu maż-Żejtun

### Kitba ta' Pawlu Zammit


Kwadru meqjum fil-Kappella ta' Ġesu' Nazzarenu
(Ritratt Ismael Cocker)

Din is-sena, il-knisja qed tfakkar is-sitt mitt sena mit-twelid ta' San Franġisk ta' Paola, fundatur tal-Ordni tal-Minimi. F'ittra li l-Papa Franġisku bagħat lill-Ġeneral ta' din l-Ordni jiddiskrivi lil San Franġisk bħala dak li offra lil knisja u lid-dinja l-misteru tal-ħniena, fonti ta' ferħ, serenità u paċi li avolja għadda tant żmien il-messaġġ tiegħu għadu attwali. Għalkemm dal-qaddis illum hu ftit minsi fi gżiritna u nsibuh biss f'xi statwi u kwadri fil-knejjes, id-devozzjoni lejh għadha ħajja f'art twelidu.

San Franġisk twieled ġewwa Paola, raħal viċin Cosenza li jinsab fir-reġjun ta' Calabria fl-Italja t'isfel, nhar is-27 ta' Marzu 1416. Il-ġenituri tiegħu ma setax ikollhom tfal u għamlu wegħda ma' San Franġisk t'Assisi li jekk ikollhom tifel, ta' tlettax-il sena jdaħħluh għal sena fil-kunvent tal-Franġiskani. U hekk għamlu. Wara li għaddiet dis-sena, il-ġenituri tiegħu ħaduh pellegrinaġġ f'Assisi fejn hu ra l-ħajja eremita tal-Patrijiet Franġiskani. Tant ispira ruħu li meta wasal lura pajjiżu beda jgħix ħajja t'eremita ġo għar fl-art ta' missieru. Fil-31 t'Awwissu 1452, l-Arċisqof ta' Cosenza ta permess għall-bini ta' kappella fuq din l-art, wara li hu ra l-ħajja qaddisa li kien qed jgħix Franġisku. Xi snin wara, Papa Pawlu II sema' bi Franġisku u l-komunità tiegħu u bagħat lill-Viżitatur Appostoliku tiegħu. Wara li mar lura Ruma, il-Viżitatur ta lill-Papa rendikont tal-ħajja tajba ta' dawn l-eremiti. Fis-17 ta' Marzu tal-1470, Papa Sistu IV ta l-permess uffiċjali biex titwaqqaf l-Ordni tal-Patrijiet Minimi. Franġisku beda jwaqqaf kunventi oħra fin-Nofsinhar tal-Italja u jivvjaġġa minn belt għal oħra jgħallem l-Evanġelu, iħabbar profeziji u jagħmel il-mirakli. Saħansitra l-fama tiegħu saret magħrufa mar-rejiet tal-Ewropa ta' dawk iż-żminijiet li ta' spiss kien jintalab għal xi pariri u interċessjonijiet ta' fejqan.



Kwadru meqjum fil-Katidral ta' Messina - Sqallija

L-iktar storja popolari marbuta ma' dal-qaddis hi dik meta qasam l-Istrett ta' Messina fuq il-mant tiegħu. Ġrajja li seħħet fl-4 t'April tal-1464.

Lejn l-aħħar ta' ħajtu, il-Papa bagħtu biex imur għand ir-Re ta' Franza, Luigi XI ġol-belt ta' Tours biex ifejqu. Imma Franġisku ra li r-Re kellu aktar bżonn fejqan ta' ruħu milli ta' ġismu, tant hu hekk li r-Re miet ftit wara fil-grazzja t'Alla. Franġisku qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu fi Franza fejn miet fil-Monasteru ta' Ġesù Marija ġo Tours nhar il-Ġimgħa l-Kbira fit-2 t'April fl-1507. Hu ġie midfun f'dan il-Monasteru. Fl-1562, waqt il-Gwerra tar-Reliġjon fi Franza, il-qabar tiegħu ġie meqrud filwaqt li l-fdalijiet tiegħu ġew mogħtija n-nar. Il-ftit relikwi tiegħu li baqa', jinsabu f'kappella żgħira li llum inbniet fuq il-qabar tiegħu u f'Paola fejn twieled.

Hu sar beatu fis-7 ta' Lulju 1513 u qaddis fl-1 ta' Mejju 1519 mill-Papa Ljun X. Il-Papa Piju XII kien ħatru Patrun tal-Baħħara fl-1943. L-Ordni tiegħu għalkemm mhux kbir hu mxerred ma' diversi pajjiżi fid-dinja. F'Paola hemm iċ-ċentru ta' devozzjoni lejh b'ħafna pellegrini jżuru l-postijiet fejn għex speċjalment l-għar u l-knisja ta' miegħu. F'Napli, fil-pjazza ċentrali nsibu wkoll knisja sabiħa kemm fl-arti u fl-arkitettura ddedikata għal San Franġisk ta' Paola.

## Id-devozzjoni lejh f'Malta u fiż-Żejtun

Jidher li din id-devozzjoni nġiebet minn Sqallija fil-gżejjer tagħna u naturalment l-istejjer dwaru iktar ġibdu l-attenzjoni tal-Maltin lejn dan il-qaddis. L-unika kappella li nsibu



Statwa tal-Ġebel li qabel kienet fil-Kappella tal-Ispirtu s-Santu u llum tinsab fil-bitħa tal-Knisja tal-Ħniena - Bir id-Deheb.
(Ritratt Ismael Cocker)

ddedikata għalih tinsab f'Ħal Qormi u hija kappella privata. Fost l-altari li nsibu ddedikati lilu fil-knejjes tagħna nsibuhom fl-Isla, Ħal Tarxien u f'Għawdex, fil-Katidral tar-Rabat u fin-Nadur. Fil-Belt Valletta hemm devozzjoni lejh fil-kappella ta' Santa Luċija, fejn hemm altar u statwa. Il-Belt hemm ukoll żewġ statwi tal-ġebel li jinsabu waħda f'kantuniera bejn Triq Santa Luċija u Triq il-Lvant u l-oħra kantuniera bejn Triq San Pawl u Triq San Nikola.

Jista' jagħti l-każ li fiż-Żejtun id-devozzjoni lejh taf il-bidu tagħha lil Giovanni Cassar, Terzjarju Franġiskan, li kien jgħix ħajja t'eremita viċin il-kappella tal-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt f'dil-kappella, fuq l-altar tad-Duluri nsibu sotto-kwadru ta' dan il-qaddis. Fl-imgħoddi fl-istess kappella kienet issir il-festa tiegħu. Kien hemm ukoll fratellanza tal-Madonna tal-Karità li wisq probabbli ġiet ispirata minn din id-devozzjoni għall-fatt li dan il-qaddis fl-ikografija tiegħu dejjem iġibuh bil-kelma *Caritas* maġenb il-bastun li jkollu f'idu. Sa ftit snin ilu fil-kunvent kien hemm ukoll statwa tal-ġebel tal-qaddis imma għal xi raġuni din l-istatwa spiċċat fil-ġnien tal-knisja ta' Bir id-Deheb. Ħasra li din l-istatwa spiċċat hemm taqla' fuqha l-elementi tan-natura. Xbieha oħra ta' dan il-qaddis tinsab fl-arzella tal-kappellun tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali u fi kwadru ieħor fl-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu.



Kwadru meqjum fil-Kappella tal-Ispirtu s-Santu
(Ritratt Ismael Cocker)



Ix-xbieha fl-Arzella tal-Kappellun tar-Rużarju
(Ritratt Ismael Cocker)